MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 2067/2003

**Alessio Caruana**

**vs**

**Victor Reginiano**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Ottubru, 2003 fejn intalab illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' elf tlett mija u tnejn u sittin lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm1362.58) rapprezentanti bilanc minn prezz ta' xoghol ta' plumbing u nstallazzjoni ta' dawl u ilma u fornitura ta' materjal liema xoghol gie esegwit mill-attur fuq inkarigu u a beneficcju tal-konvenut stess.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tat-30 ta' Awissu, 2003, u bl-imghaxijiet kummercjali minn**

**meta spicca x-xoghol sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-11 ta' Novembru, 2003 fejn intqal:**
**i. illi fl-ewwel lok ix-xoghol illi sar mill-attur ma sarx skond is-sengha u l-arti u inoltre l-materjal illi intuza mill-attur u l-oggetti illi gew akkwistati mill-istess attur ghax-xoghol illi kellu jsir kien difettuz u inferjuri, oltre illi l-istess xoghol ma tlestiex. Ghaldaqstant l-ammont mitlub mhux dovut. Il-konvenut kien diga gharraf b'dan lill-attur verbalment u wkoll permezz ta' ittri li gew annessi mal-avviz u immarkati bhala Dok.A u B;**
**ii. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepiut, l-ammont mitlub fl-avviz huwa eccessiv ghax-xoghol illi sar u l-materjal illi intuza, oltre illi l-konvenut diga hallas ammont sostanzjali tax-xogholijiet illi gew esegwiti u tal-materjal illi intuza;**
**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Illi b'degriet tal-10 ta' Gunju, 2004, dan it-Tribunal hatar lil Carmel Cuschieri bhala Perit Tekniku sabiex jezamina x-xoghol li sar u jirrelata bil-miktub. Illi b'digriet tal-11 ta' Frar, 2005, l-istess Perit gie sostitwit b'Alfred Sammut, bl-istess inkarigu. Fl-20 ta' Settembru, 2005, Il-Perit Tekniku halef ir-rapport li jinsab a fol.116 u 117 tal-process.**

**Semgha x-xhieda ta' Alessio Caruana u tal-Perit Tekniku Alfred Sammut, u ra l-affidavit ta' Victor Reginiano. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. It-talba hija ghall-hlas ta' xogholijiet maghmula lill-konvenut rigwardanti plumbing u installazzjoni ta' dawl u ilma. Il-konvenut qed jghid li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u li l-ammont mitlub huwa eccessiv.**
**2. L-attur esebixxa d-Dok.AC1 a fol 12 sa 31 tal-process li juru d-diversi materjal u xogholijiet li saru lill-konvenut. Id-Dok.AC1 a fol-12 juri rendikont ta'**

**kemm kien hemm spejjez ta' materjal u xoghol, il-pagament effettwat, u l-bilanc dovut. L-attur esebixxa wkoll ir-ricevuti tal-affarijiet mixtrija Dok.A sa ZZ a fol.45 sa 95 tal-process.**

**3. L-attur jghid li ma kellhomx bil-miktub dwar ir-rati li kien ser izommlu, pero` jghid li hadem ghall-erba' mija u tmenin siegha u thallas bir-rata ta' tlett liri is-siegha, DokAC2 a fol.96 tal-process.**

**4. Skond il-konvenut il-ftehim kien li l-attur jithallas bir-rata ta' zewg liri u hamsin centezmu fis-siegha, pero` jammetti li ma saritx kitba fir-rigward. Il-konvenut ma jaqbilx ma dak li qed jghid l-attur dwar is-sieghat li hadem u dan jghid li l-attur hadem massimu ta' 107 siegha. Il-konvenut jghid ukoll li xi materjal li uza l-attur ma kienx gdid. F'dan ir-rigward l-attur ma jaqbilx u ghalhekk esebixxa ir-ricevuti. Jidher li kien hemm ukoll xi problema dwar il-pompa tal-press tal-ilma li skond il-konvenut kienet giet installata hazing. L-attur ma jaqbilx fir-rigward u jghid li din kienet hadmet ghall ftit, waqfet, hada minn fejn xtraha, irrangawha u rega installha u hadmet sew.**

**5. In vista ta' zewg versjonijiet konfliggenti, it-Tribunal qabbad l-espert tekniku Alfred Sammut, u dan irrelatali x-xoghol kien sar sew u li l-materjal li ntuza kien materjal gdid u ccertifikat. Anzi mir-rapport peritali jirrizulta li l-attur hadem tassew b'mod professjonali.**

**6. Ghalhekk in vista ta' dak li ntqal ma jirrizultax li x-xoghol ma kienx skond is-sengha u l-arti u lanqas ma jirrizulta li l-ammont pretiz huwa eccessiv.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf tlett mija u tnejn u sittin lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm1362.58), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-7 ta' Novembru, 2003.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tat-30 ta' Awissu, 2003, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------